MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 316/2006

**Maria Dolores Bartolo ID : 650951(M)**

**Vs**

**Joseph Bartolo ID : 517450(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' April, 2006, fejn l-attrici talbet li dan it-Tribunal : (1) jiddikjara illi l-konvenut naqas li jhallasha hames skadenzi ta' manteniment, lilha dovuta ghax-xhur ta' Dicembru, 2005 u Jannar, Frar, Marzu u April tas-sena 2006, bir-rata ta' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm125) fix-xahar, kif stipulat fil-klawsola numru hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom ippubblikat min-Nutar Clinton Bellizzi fit-28 ta' April 2004, kopja hawn annessa bhala Dok DB; (2) u jordna u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma totali ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin

(Lm625) rapprezentanti l-ammont dovut u mhux imhallas ghal imsemmija hames xhur. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 890/06 ipprezentat kontestwalment u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tas-7 ta’ Lulju, 2006 fejn gie eccepit illi (1) in linea preliminari n-nullita tal-avviz stante li ma fihx id-dettalji dwar it-talba rikjesti mill-ligi, (2) illi din il-procedura m’hijiex idonea stante li hija bbazata fuq Att Pubbliku in atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi datat 28/04/2004, u quindi t-tieni raguni in linea preliminari rigwardanti n-nullita` tat-talbiet attrici, (3) illi in linea preliminari wkoll, l-attrici ghandha mandat ta’ sekwestru numru 890/20066 vigenti kontra l-konvenut li fih inniffsu hija procedura fejn l-attrici diga ssalvagwardjat l-allegati pretensjonijiet taghha u kwindi t-tielet raguni ghala dawn il-proceduri huma nulli u nvalidi konsiderando li diga` tali allegat pretensjoni gie mizmum u nfatti l-konvenut ma huwa qed jircievi ebda salarju mill-hidma tieghu, (4) Illi in vista ta’ dan il-konvenut qed izomm lill-attrici responsabbli ghal kwalsiasi forma ta’ danni inkluz lill min qed ihaddmu li skond il-ligi ma jistghux jissekwestraw ebda salarju ta’ impjegat anqas mill-ammont ta’ tlett mitt Lira Maltin fix-xahar, (5) Illi fil-mertu l-ammont pretiz mill-attrici mhuwiex dovut u dana jirrizulta mill-istess artiklu 5 tal-kuntratt ta’ separazzjoni citat u esebit, u (6) Illi ghalhekk t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha giudizzjarji u extra-giudizzjarji kontra taghha.

Ra l-verbal tad-difensuri tal-kontendenti tas-16 ta’ Ottubru 2006 fejn qabblu illi l-eccezzjoni preliminari tigi deciza mas-sentenza finali.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ikkunsidra :

Illi l-kontendenti sseparaw b’kuntratt pubbliku tat-28 ta’ April 2004 (Dok MB) u ai termini tal-klawsola 5 ta’ l-istess kuntratt, il-konvenut obbliga ruhu illi jhallas manteniment

lill-attrici fl-ammont ta’ mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (LM 125) fix-xahar.

Illi l-konvenut naqas milli jhallas is-somma riklamata ghall-perjodu ndikat fl-Avviz.

Illi mill-qari u ezami tar-risposta tal-konvenut, it-Tribunal jiddeciedi illi fil-mertu, t-talba attrici hija kontestata ghax “*l-ammont pretiz mill-attrici mhuwiex dovut u dana jirrizulta mill-istess artiklu 5 tal-kuntratt ta’ separazzjoni*”.

Illi l-attrici tikkonferma fl-ammont dovut kif minnha riklamat fl-Avviz.

Illi l-konvenut xehed illi minhabba mandat ta’ sekwestru 890/06 pprezentat kontestwalment ma’ dan l-Avviz qed jinqata` l-manteniment dovut skond il-kuntratt. Illi l-istess konvenut f’ebda stadju tad-depozizzjoni tieghu ma xehed dwar jew spjega il-hames eccezzjoni tieghu u kif mill-istess klawsola 5 tal-kuntratt jirrizulta illi l-ammont riklamat fl-Avviz mhux dovut.

Illi gie ppruvat illi mill-pensjoni tal-konvenut inqatghu sat-30 ta’ Ottubru 2007, tmien mija u hamsa u sebghin Liri Maltin (LM 875).

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi dan it-Tribunal ghandu quddiemu t-talba u r-risposta – u dawk jpoggu l-parametri ghall-gudizzju tieghu u mhux il-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz.

Illi dwar l-ewwel erba` eccezzjonijiet, it-Tribunal sejjer jiddispondi minnhom billi jichadhom kollha u dan peress illi (1) l-Avviz fih id-dettalji kollha necessarji u allura ma hemm ebda nullita` fih, (2) l-procedura hija wahda sostenibbli u jekk kien hemm proceduri ohra li l-attrici setghet tiehu, allura hija ghamlet ghazla favur din il-procedura li b’daqsekk pero`, sakemm il-procedura fiha inniffisha mhix nulla, l-procedura odjerna tibqa` sostenibbli, (3) dan it-Tribunal ma ghandux quddiemu

pendenza dwar il-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju li sar mal-presentata ta’ l-Avviz odjern, izda biss l-Avviz u l-eccezzjonijiet li dwarhom dan it-Tribunal irid jiddeciedi u (4) r-raba` eccezzjoni mhi in effetti eccezzjoni xejn u jekk il-konvenut ihoss illi gew lezi xi drittijiet tieghu, jara hu jiehux il-passi legali kollha opportuni li jispettaw lilu – imma zgur mhix eccezzjoni dik illi timmerita pronunzjament dwarha fid-decizjoni odjerna.

Illi fis-sustanza u fil-mertu, t-talba attrici qed tigi opposta biss ghax qed jinghad illi jirrizulta mill-istess Artiklu 5 tal-kuntratt ta’ separazzjoni li l-ammont mhux dovut. Illi kif jinghad aktar il-fuq, la tirrizulta tali eccezzjoni minn qari tal-klawsola de quo u wisq anqas tressqu xi provi f’dan is-sens mill-konvenut. Din l-eccezzjoni sejra ghalhekk ukoll tigi michuda.

Anzi t-Tribunal jinnota illi l-istess konvenut jirrikonoxxi l-obbligi tieghu ghall-hlas – izda jghid illi bil-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju, l-ammont qed jinqata` mil-pensjoni tieghu.

It-Tribunal ihoss illi b’daqsxejn kooperazzjoni u buon sens bejn il-kontendenti din il-pendenza setghet facilment tigi rizolta una volta illi s-somma riklamata giet mizmuma mill-pensjoni tal-konvenut. L-iskop tal-mandat ta’ Sekwestru kien proprju dak li l-attrici tikkawtela id-drittijiet taghha u una volta li sar dan, l-pendenza setghet facilment tinghalaq.

Di piu` hawnhekk si tratta ta’ hlas ta’ manteniment u ghandu jsir dak kollu necessarju sabiex tali hlas isir u jsir minghajr dewmien. Kawzi bhal dawn ghandhom jigu evitat peress illi jwasslu biss ghal proceduri twal li jhallu lil min ghandu dritt jircievi l-manteniment jistenna il-gudizzju sabiex jiehu dak li hu tieghu.

Tenut kont dan kollu, t-Tribunal irid bilfors jaqta` u jiddeciedi hu din il-pendenza – u dan billi jilqa` t-talba attrici.

Ghaldaqstant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara illi ra d-dokumenti kollha prodotti, t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u jilqa` t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta` elf, erba` mija u hamsa u hamsin Euro u sitta u tmenin Euro Cent (€1455.86) ekwivalenti ghal sitt mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (LM 625).

Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------